

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' ghajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-718/22, Eutelsat Madeira vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 – Odeon Cinemas Holdings vs EUIPO – Academy of Motion Picture Arts and Sciences (OSCAR)

(Kawża T-727/22)

(2023/C 24/87)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Odeon Cinemas Holdings (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Axel Karnoe Søndergaard, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Academy of Motion Picture Arts and Sciences (Beverly Hills, California, l-Istati Uniti)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea OSCAR – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 931 038

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1841/2021-5

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ģeneralji jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 – Industrias Lácteas Asturianas vs EUIPO – Qingdao United Dairy (NAMLAQ)

(Kawża T-728/22)

(2023/C 24/88)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrent: Industrias Lácteas Asturianas, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. C. Riera Blanco, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Qingdao United Dairy Co. Ltd (Qingdao, iċ-Ċina)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "NAMLAC" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 18 126 515

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1563/2021-4

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

### Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 – Complejo Agrícola Las Lomas vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-729/22)

(2023/C 24/89)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrent: Complejo Agrícola Las Lomas, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. Sedano Lorenzo, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara null u mingħajr effett il-paragrafu 4.1.8 tal-pjan strateġiku tal-PAK 2023-2027 ta' Spanja approvat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2022 li tapprova l-imsemmi pjan strateġiku tal-PAK 2023-2027 ta' Spanja għall-appoġġ tal-Unjoni Ewropea ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, li jimponi limitu massimu ta' EUR 200 000 fuq l-appoġġ bażiku għad-dħul li għandu jingħata lil kull bidwi (iktar 'il quddiem il-“Miżura”).

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/2115 (l) li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanji stratgeġiċi nazzjonali tal-PAK u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 1305/2013 u (UE) 1307/2013.
  - Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw liema interventi fost dawk elenkti fil-Kapitoli II, III u IV tat-Titolu II huma l-iktar adattati għall-bżonnijiet spċċiċi tagħhom u kif jartikolawhom. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata tinkludi intervent differenti minn dawk previsti fl-imsemmi artikolu, li jippermetti lill-Kummissjoni taġġixxi *ultra vires* u teċċedi s-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2021/2115.